DEĊIŻJONI (UE) 2019/339 TAL-PRESIDENT TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

tas-21 ta' Frar 2019

dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti kummerċjali

IL-PRESIDENT tal-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistipula li kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. Dan l-Artikolu jistabbilixxi għadd ta' drittijiet proċedurali li japplikaw għall-partijiet interessati involuti fi proċedimenti amministrattivi li jistgħu jaffettwaw l-interessi tagħhom.

(2) Fl-2007, il-Kummissjoni ħolqot il-funzjoni tal-uffiċjal tas-seduta, sabiex tissalvagwardja l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet interessati u tiżgura li l-proċedimenti kummerċjali jiġu ttrattati b'mod imparzjali, ġust u fi żmien raġonevoli. Mill-2007 sal-2012, dan ir-rwol ġie fdat lil uffiċjal tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ li għandu esperjenza fi kwistjonijiet ta' difiża tal-kummerċ.

(3) Fl-2012, sabiex isaħħaħ ir-rwol tal-uffiċjal tas-seduta, u biex isaħħaħ it-trasparenza u l-korrettezza tal-proċeduri kummerċjali, il-President tal-Kummissjoni adotta d-Deċiżjoni 2012/199/UE ([2]). Sabiex titqies l-esperjenza tal-passat, l-iżviluppi legali l-ġodda inkluż ir-referenza għar-rwol tal-uffiċjal tas-seduta fir-Regolamenti (UE) 2016/1036 ([3]) u (UE) 2016/1037 ([4]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll iż-żieda tar-restrizzjonijiet proċedurali, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tiġi sostitwita.

(4) Din il-funzjoni jenħtieġ li tiġi attribwita lil persuna indipendenti b'esperjenza fil-proċedimenti kummerċjali. L-uffiċjal tas-seduta jenħtieġ li jinħatar mill-Kummissjoni skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni. Skont dawk ir-regoli, għandha tingħata attenzjoni lill-kandidati li ma jkunux uffiċjali tal-Kummissjoni.

(5) Sabiex tiġi żgurata indipendenza sħiħa, għal għanijiet amministrattivi, l-uffiċjal tas-seduta jenħtieġ li jkun assenjat mal-membru tal-Kummissjoni li jkun responsabbli għall-politika kummerċjali.

(6) Il-kompiti ewlenin tal-uffiċjal tas-seduta jenħtieġ li jinkludu l-għoti ta' pariri lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika kummerċjali u lid-Direttur Ġenerali responsabbli għall-politika kummerċjali ("id-Direttur Ġenerali"), li jiggarantixxi d-drittijiet proċedurali, jiddeċiedi dwar talbiet għal aċċess għall-fajl, li jieħu deċiżjonijiet dwar in-natura kunfidenzjali tad-dokumenti u jirrevedi l-pożizzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-estensjoni tal-iskadenzi. L-uffiċjal tas-seduta jenħtieġ li jfittex li jiżgura li fit-tħejjija tal-abbozz tal-atti legali jew tal-proposti, tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta għall-fatti kollha rilevanti, kemm dawk favorevoli kif ukoll dawk li mhumiex għall-partijiet ikkonċernati.

(7) L-uffiċjal tas-seduta jenħtieġ li jiżgura li l-opportunitajiet mogħtija lill-partijiet interessati għall-preżentazzjoni tal-evidenza tal-fatti u d-difiża tal-interessi tagħhom matul il-proċediment ikunu tali li jippermettulhom jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom bl-aktar mod effettiv.

(8) L-intervent tal-uffiċjal tas-seduta jenħtieġ li jsir b'mod li jkun jista' jiġi implimentat kwalunkwe segwitu, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu l-limiti ta' żmien tal-proċedimenti.

(9) Huwa meħtieġ li jiġu ddeterminati l-mod u ċ-ċirkostanzi li fihom l-uffiċjal tas-seduta jista' jintervjeni, u jiġu stabbiliti r-regoli għall-organizzazzjoni, it-twettiq u s-segwitu ta' tali interventi.

([1]) ĠU L 308, 8.12.2000, p. 26.

([2]) Id-Deċiżjoni 2012/199/UE tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tad-29 ta' Frar 2012 dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti kummerċjali (ĠU L 107, 19.4.2012, p. 5).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55).

(10) Is-setgħa tal-uffiċjal tas-seduta li jiddeċiedi dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-fajl, il-kunfidenzjalità u l-iskadenzi, għandha għax tipprovdi lill-partijiet involuti fil-proċedura kummerċjali garanzija proċedurali addizzjonali mingħajr ma jiġu ostakolati l-kondotta xierqa u t-tlestija fil-ħin tal-proċedimenti.

(11) Ir-rapporti tal-uffiċjal tas-seduta jenħtieġ li jiżguraw li l-kwistjonijiet ewlenin trattati u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu jingħiebu għall-attenzjoni ta' dawk li jfasslu d-deċiżjonijiet u b'hekk jipprovdu garanzija addizzjonali fir-rigward tad-drittijiet tal-partijiet milquta minn proċediment kummerċjali. Ir-rapporti annwali tal-uffiċjal tas-seduta jenħtieġ ukoll li jgħarrfu lill-Istati Membri, lill-Parlament Ewropew u lill-pubbliku dwar l-attivitajiet tal-uffiċjal tas-seduta.

(12) Meta tiġi pproċessata d-*data* personali, l-uffiċjal tas-seduta jenħtieġ li jaderixxi mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

(13) Din id-Deċiżjoni jeħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għar-regoli ġenerali li jipprovdu jew jeskludu l-aċċess għad-dokumenti tal-Kummissjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-uffiċjal tas-seduta

Għandha tinħoloq funzjoni speċifika ta' uffiċjal tas-seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

Il-kompitu tal-uffiċjal tas-seduta għandu jkun li jissalvagwardja l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet interessati previsti fir-Regolamenti li ġejjin ("ir-Regolamenti bażiċi") u jiżgura li l-proċedimenti kummerċjali jiġu trattati b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli:

(a) Ir-Regolament (UE) 2016/1036 u b'mod partikolari l-Artikolu 5(10) u (11), l-Artikolu 6(5) sa (8), l-Artikolu 8(3), (4) u (9), u l-Artikoli 18 sa 21 tiegħu,

(b) Ir-Regolament (UE) 2016/1037 u b'mod partikolari l-Artikoli 10(12) u (13), l-Artikolu 11(5) sa (8) u (10), l-Artikolu 1 (3), (4) u (9), u l-Artikoli 28 sa 31 tiegħu,

(c) Ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), u b'mod partikolari l-Artikoli 5 sa 8 tiegħu,

(d) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]), u b'mod partikolari l-Artikoli 3 sa 5 tiegħu,

(e) Ir-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), u b'mod partikolari l-Artikoli 9 sa 10 tiegħu,

(f) Ir-Regolament (UE) 2016/1035 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(12) u (13), l-Artikolu 6(5) sa (8), u l-Artikoli 12, 13 u 14 tiegħu,

(g) Ir-Regolament (KE) Nru 868/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]), u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tiegħu,

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16).

([7]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 272, 16.10.2015, p. 1).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2016/1035 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra prezzijiet inġurjużi ta' bastimenti (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 1).

([10]) Ir-Regolament (KE) Nru 868/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jikkonċerna l-protezzjoni kontra l-issussidjar u l-atti mhux ġusti tal-prezzijiet li jikkawżaw preġudizzju lit-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità fil-provvista tas-servizzi bl-ajru minn pajjiżi li ma humiex membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 162, 30.4.2004, p. 1).

(h) Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]), u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu, u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 155/2013 ([12]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu, u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1083/2013 ([13]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

(i) Ir-Regolament (UE) 2015/476 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]), u b'mod partikolari l-Artikoli 1(2) u 2(2) tiegħu.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "proċediment kummerċjali" tfisser kull investigazzjoni jew proċedura amministrattiva mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni skont kwalunkwe wieħed mir-Regolamenti bażiċi;

(b) "parti interessata" tfisser kull persuna li l-interessi tagħha huma milquta minn proċediment kummerċjali, skont ir-Regolamenti bażiċi;

(c) "drittijiet tal-partijiet interessati" tfisser id-drittijiet proċedurali u d-dritt ta' kull persuna li jkollha l-affarijiet tagħha trattati b'mod imparzjali, ġust u fi żmien raġonevoli fil-proċedimenti kummerċjali.

Artikolu 3

Il-ħatra, it-tmiem tal-ħatra u s-sostituzzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha taħtar uffiċjal tas-seduta skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

2. Il-ħatra tal-uffiċjal tas-seduta għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Kwalunkwe interruzzjoni, tmiem tal-ħatra jew trasferiment tal-uffiċjal tas-seduta għandhom ikunu s-suġġett ta' deċiżjoni motivata tal-Kummissjoni. Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*.

3. Għal finijiet amministrattivi, l-uffiċjal tas-seduta għandu jkun assenjat mal-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika kummerċjali.

4. Meta l-uffiċjal tas-seduta ma jkunx jista' jaġixxi f'xi każ partikolari, il-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika kummerċjali, meta jkun possibbli wara konsultazzjoni mal-uffiċjal tas-seduta, għandu jaħtar uffiċjal, li ma jkunx involut fil-każ ikkonċernat u jkollu esperjenza biżżejjed fil-proċeduri kummerċjali, biex iwettaq id-dmirijiet tal-uffiċjal tas-seduta abbażi ta' każ b'każ.

5. Il-paragrafu 4 għandu japplika meta l-uffiċjal tas-seduta jara kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, u jippreżenta kif dovut talba biex jinħeles mid-dmirijiet tagħhom, f'każ speċifiku, lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika kummerċjali.

6. Meta l-uffiċjal tas-seduta ma jkunx jista' jaġixxi għal perjodu ta' żmien mhux limitat għal każ partikolari jew ma jibqax jaġixxi bħala uffiċjal tas-seduta, il-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika kummerċjali għandu jaħtar uffiċjal b'esperjenza fi proċedimenti kummerċjali biex iwettaq id-dmirijiet tal-uffiċjal tas-seduta *ad interim*, sakemm l-uffiċjal tas-seduta jkun f'pożizzjoni li jerġa' jibda jaqdi dmirijietu jew sakemm il-Kummissjoni tiddeċiedi li taħtar uffiċjal tas-seduta ġdid.

([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

([12]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 155/2013 tat-18 ta' Diċembru 2012 li jistabbilixxi regoli marbuta mal-proċedura għall-għoti ta' arranġament ta' inċentiv speċjali għal żvilupp sostenibbli u l-governanza tajba skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (ĠU L 48, 21.2.2013, p. 5).

([13]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1083/2013 tat-28 ta' Awwissu 2013 li jistabbilixxi regoli marbuta mal-proċedura għall-irtirar temporanju ta' preferenzi tariffarji u mal-adozzjoni ta' miżuri ġenerali ta' salvagwardja skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 16).

([14]) Ir-Regolament (UE) 2015/476 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 fuq il-miżuri li jistgħu jittieħdu mill-Unjoni wara rapport adottat mill-Korp għall-Ftehim fuq Tilwim tal-WTO dwar kwistjonijiet fuq anti-dumping u antisussidji (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 6).

Artikolu 4

Prinċipji ta' intervent tal-uffiċjal tas-seduta

1. Id-dmirijiet tal-uffiċjal tas-seduta għandhom jitwettqu skont il-paragrafi 2 sa 11.

2. L-uffiċjal tas-seduta għandu jaġixxi b'mod indipendenti u m'għandux jieħu struzzjonijiet fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.

3. L-uffiċjal tas-seduta għandu jkun marbut bir-regoli tar-Regolamenti tal-Persunal li jipprojbixxu l-iżvelar mhux awtorizzat ta' informazzjoni li tkun waslet waqt il-qadi ta' dmirijietu u għandu jkompli jkun marbut b'dak l-obbligu wara li jitlaq mis-servizz.

4. L-uffiċjal tas-seduta għandu jqis il-ħtieġa ta' tħaddim effettiv tar-Regolamenti bażiċi skont il-liġi tal-Unjoni u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

5. L-uffiċjal tas-seduta għandu jkollu aċċess mingħajr restrizzjoni u dewmien bla bżonn, għal kull fajl li jikkonċerna proċediment kummerċjali f'kull waqt tal-proċediment.

6. L-uffiċjal tas-seduta għandu jieħu d-deċiżjonijiet kif stipulat fl-Artikoli 12 sa 16 u jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet lis-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni dwar kull kwistjoni li tikkonċerna d-drittijiet tal-partijiet interessati li jkunu talbu l-intervent tiegħu. L-uffiċjal tas-seduta għandu jfittex li jiżgura li fit-tħejjija tal-abbozz tal-atti legali jew tal-proposti tal-Kummissjoni, tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta għall-fatti kollha rilevanti, kemm dawk favorevoli kif ukoll dawk li mhumiex, lill-partijiet ikkonċernati.

7. L-uffiċjal tas-seduta għandu jinżamm mgħarraf mid-Direttur responsabbli jew mid-delegat tiegħu, dwar l-iżvilupp tal-proċedimenti kollha li fihom ikun intervjena l-uffiċjal tas-seduta sakemm jiġi adottat att legali finali.

8. L-uffiċjal tas-seduta għandu jiġi mgħarraf mingħajr dewmien dwar kull tibdil sostanzjali tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni fl-istadju tal-impożizzjoni tal-miżuri definittivi fil-proċedimenti kummerċjali sabiex jiġi vvalutat kull impatt potenzjali fuq id-drittijiet tal-partijiet interessati.

9. L-uffiċjal tas-seduta għandu jgħarraf lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika kummerċjali u fejn xieraq lid-Direttur Ġenerali, dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu, u, fejn meħtieġ, dwar ir-rimedji possibbli.

10. Id-Direttur responsabbli għandu jikkonsulta lill-uffiċċju tas-seduta dwar kwalunkwe bidla jew aġġornament tal-politika dwar kwistjonijiet proċedurali u sostantivi li jkollhom impatt fuq id-drittijiet tal-partijiet interessati jew fuq kwalunkwe kwistjoni oħra li tirriżulta minn proċediment kummerċjali.

11. L-uffiċjal tas-seduta jista' jippreżenta osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta minn proċediment kummerċjali lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika kummerċjali u, fejn meħtieġ, lid-Direttur Ġenerali.

Artikolu 5

Intervent tal-uffiċjal tas-seduta

1. Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-uffiċjal tas-seduta fi proċedimenti kummerċjali. Kull talba għandha titressaq fi żmien xieraq, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu l-limiti ta' żmien tal-proċedimenti. Il-partijiet interessati għandhom jitolbu l-intervent tal-uffiċjal tas-seduta minn kmieni kemm jista' jkun wara li jseħħ l-avveniment li jiġġustifika tali intervent.

2. L-uffiċjal tas-seduta jista' wkoll jaġixxi jekk jintalab jagħmel hekk mill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika kummerċjali, id-Direttur Ġenerali, id-Direttur responsabbli għall-proċediment kummerċjali jew id-delegat tiegħu, jew id-Direttur ta' servizzi oħra kkonsultat dwar proċediment kummerċjali.

3. Kwalunkwe talba għal intervent tal-uffiċjal tas-seduta għandha ssir bil-miktub u għandha tiddikjara l-kwistjonijiet li għandhom jingħiebu għall-attenzjoni tal-uffiċjal tas-seduta, inkluża spjegazzjoni dwar kif id-drittijiet tad-difiża tal-applikant huma affettwati.

4. Kull att legali finali jew proposta tal-Kummissjoni għandha tkun akkumpanjata b'nota mill-uffiċjal tas-seduta fejn jiddikjara jekk intervjeniex jew le fil-proċediment ikkonċernat u x'kienet in-natura tal-intervent tiegħu.

5. L-uffiċjal tas-seduta għandu jirċievi kopja tal-konsultazzjonijiet imnedija mis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 23(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni.

Artikolu 6

Seduti

1. L-uffiċjal tas-seduta jista', fuq talba jew kif stabbilit fir-Regolamenti bażiċi, jorganizza u jmexxi seduti bejn parti interessata individwali jew grupp ta' partijiet interessati b'interessi simili u s-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli mill-investigazzjoni. L-uffiċjal tas-seduta jista' wkoll jorganizza u jmexxi seduti fost il-partijiet interessati b'interessi differenti.

2. Malli jirċievi talba għal seduta, l-uffiċjal tas-seduta għandu jivvaluta l-kwistjonijiet imqajma u jiddeċiedi jekk ikunx opportun li ssir seduta. Seduta tista' tkopri kull kwistjoni li titqajjem f'kull waqt tal-proċediment kummerċjali u li tista' taffettwa d-drittijiet tal-partijiet interessati.

3. Fil-prinċipju, is-seduti għandhom isiru biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux jistgħu jiġu riżolti mas-servizzi tal-Kummissjoni.

4. Meta t-talbiet għal seduti jiġu ppreżentati barra l-iskedi ta' żmien rilevanti għall-proċediment, l-uffiċjal tas-seduta se jeżamina wkoll ir-raġunijiet għalfejn tali talbiet ikunu saru tard, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawn il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li jitqiesu kif dovut l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija tal-investigazzjoni fil-ħin.

5. L-iskop tas-seduta għandu jkun li jiġi żgurat li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet jiġu rispettati mis-servizzi tal-Kummissjoni. L-uffiċjal tas-seduta, fil-prinċipju, ma għandux jaċċetta jew jikkunsidra kwalunkwe evidenza li ma ġietx sottomessa lis-servizzi tal-Kummissjoni matul il-proċedimenti.

6. Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jiġu mistiedna jattendu seduta mal-uffiċjal tas-seduta għandhom jew jidhru personalment jew ikunu rappreżentati minn aġent debitament awtorizzat maħtur minn fost il-persunal tagħhom jew rappreżentant legali. Jistgħu jiġu assistiti minn konsulent legali jew persuna kwalifikata oħra minn barra l-persunal tagħhom jekk ammessi mill-uffiċjal tas-seduta.

7. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt għal seduta mas-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni skont ir-Regolamenti bażiċi.

Artikolu 7

Seduti ma' partijiet interessati individwali jew gruppi ta' partijiet interessati b'interessi simili u s-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni

1. L-uffiċjal tas-seduta jista' jorganizza u jmexxi seduta bejn parti interessata individwali jew grupp ta' partijiet interessati b'interessi simili u s-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni, meta jintalab jagħmel hekk minn dik il-parti interessata jew mill-grupp ta' partijiet interessati b'interessi simili.

2. Parti interessata individwali tista' titlob seduta dwar xi kwistjoni speċifika ma' grupp ta' partijiet interessati b'interessi simili u s-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni. Is-seduta għandha ssir sakemm mill-inqas parti interessata individwali waħda oħra b'interessi simili taqbel li tipparteċipa.

Artikolu 8

Seduti bejn il-partijiet interessati b'interessi differenti

1. L-uffiċjal tas-seduta jista' jorganizza u jippresedi seduta fost il-partijiet interessati b'interessi differenti sabiex ikunu jistgħu jiġu ppreżentati fehmiet opposti u jitressqu argumenti kuntrarji.

2. Seduta fost il-partijiet interessati b'interessi differenti tista' tiġi organizzata f'kull proċediment kummerċjali wara li l-uffiċjal tas-seduta jkun sema' s-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni.

3. Parti interessata individwali tista' titlob seduta bejn il-partijiet interessati b'interessi differenti dwar kwistjoni speċifika. Tista' ssir seduta sakemm mill-inqas parti interessata individwali oħra b'interessi differenti taqbel li tipparteċipa.

4. Is-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni għandhom jattendu s-seduta bħala osservaturi.

5. Ir-rappreżentanti kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jattendu kull seduta bejn il-partijiet interessati b'interessi differenti bħala osservaturi.

Artikolu 9

Preparazzjoni tas-seduti

1. Wara li jikkonsulta mad-Direttur responsabbli jew mad-delegat tiegħu, l-uffiċjal tas-seduta għandu jiddetermina d-data, it-tul ta' żmien u l-post tas-seduta. Meta l-partijiet interessati jew is-servizzi tal-Kummissjoni jitolbu posponiment, l-uffiċjal tas-seduta għandu jiddeċiedi jekk jippermettihx jew le.

2. Fejn xieraq, l-uffiċjal tas-seduta jista' jorganizza laqgħa preparatorja mal-partijiet interessati jew mas-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni u servizzi oħra, sabiex jidentifikaw u jiċċaraw, kemm jista' jkun, kull kwistjoni ta' fatt jew liġi li trid tiġi indirizzata matul is-seduta. L-uffiċjal tas-seduta jista' jitlob kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija tas-seduta mill-parteċipanti.

3. L-uffiċjal tas-seduta għandu jħejji l-aġenda ta' kull seduta. L-aġenda għandha tkun disponibbli għall-parteċipanti kollha qabel is-seduta.

4. L-uffiċjal tas-seduta jista', fi żmien raġonevoli wara l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-kummenti dwar l-iżvelar u qabel is-seduta bejn il-partijiet, jistieden lill-parteċipanti biex iressqu mistoqsijiet dwar it-tagħrif pprovdut minn partijiet interessati oħra.

5. L-uffiċjal tas-seduta jista', wara li jisma' lid-Direttur responsabbli jew lid-delegat tiegħu, jipprovdi bil-quddiem lill-partijiet mistiedna għal seduta lista ta' mistoqsijiet li dwarhom huma jkunu mistiedna jikkummentaw.

6. L-uffiċjal tas-seduta jista' jitlob għal notifika bil-miktub minn qabel tal-kontenut essenzjali tad-dikjarazzjoni li l-parteċipanti jkun beħsiebhom jagħmlu f'kull seduta.

7. L-uffiċjal tas-seduta għandu jistieden lill-persunal tal-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika kummerċjali u s-Servizz Legali għas-seduti organizzati mill-uffiċjal tas-seduta. L-uffiċjal tas-seduta jista' jistieden servizzi oħra tal-Kummissjoni biex jattendu għal dawn is-seduti.

8. L-uffiċjal tas-seduta jista' jistieden l-esperti esterni għas-seduti. Il-partijiet interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jitolbu lill-uffiċjal tas-seduta biex ikunu ammessi l-esperti esterni għas-seduti. L-uffiċjal tas-seduta għandu jiddeċiedi dwar dawn it-talbiet. L-esperti esterni mistiedna għal seduta għandhom jintalbu biex jiffirmaw ftehim ta' kunfidenzjalità.

9. L-esperti esterni jistgħu jintalbu biex jipprovdu kull analiżi, rapport jew pubblikazzjoni rilevanti. Għandhom jiġu inklużi fil-fajl miftuħ għall-konsultazzjoni minn partijiet interessati u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-parteċipanti kollha kull meta jkun possibbli qabel is-seduta.

Artikolu 10

Tmexxija tas-seduti

1. L-uffiċjal tas-seduta għandu jkun responsabbli għal mod kif jitmexxew is-seduti. L-uffiċjal tas-seduta għandu jiżgura li s-seduta tinżamm b'mod ġust u imparzjali.

2. Is-seduti ma għandhomx ikunu pubbliċi. L-uffiċjal tas-seduta għandu jiddeċiedi liema persuni jridu jinstemgħu f'isem il-parti interessata u jekk il-persuni kkonċernati jridux jinstemgħu separatament jew fil-preżenza tal-persuni l-oħra li jkunu mistiedna jattendu. F'dan l-aħħar każ, għandu jitqies l-interess leġittimu tal-partijiet interessati fil-ħarsien tas-sigrieti tan-negozju tagħhom u ta' tagħrif kunfidenzjali ieħor.

3. L-uffiċjal tas-seduta jista' jippermetti lill-parteċipanti jqajmu u jwieġbu mistoqsijiet matul is-seduta.

4. Jekk l-uffiċjal tas-seduta jaċċetta l-esperti esterni, dawn ikollhom l-opportunità biex iressqu l-fehmiet tagħhom u jwieġbu għall-mistoqsijiet ta' parteċipanti oħra fis-seduta.

5. Fejn ikun xieraq wara seduta, sabiex jiġi żgurat id-dritt ta' smigħ, l-uffiċjal tas-seduta, wara li jikkonsulta mad-Direttur responsabbli jew mad-delegat tiegħu, jista' joffri lill-partijiet interessati l-opportunità li jippreżentaw aktar kummenti bil-miktub. L-uffiċjal tas-seduta jiffissa data sa meta jkunu jridu jsiru sottomissjonijiet bħal dawn. L-uffiċjal tas-seduta jista' jiddeċiedi li ma jikkunsidrax kummenti bil-miktub li jaslu wara dik id-data.

Artikolu 11

Segwitu tas-seduti

1. Meta jiġu organizzati seduti bejn il-partijiet interessati b'interessi differenti, l-uffiċjal tas-seduta għandu jipproduċi traskrizzjoni jew sommarju informattiv tas-seduta u għandu jagħmilha disponibbli lill-parteċipanti kollha fis-seduta. It-traskrizzjoni jew sommarju sinifikanti għandhom jiġu inklużi fil-fajl miftuħ għall-konsultazzjoni mill-partijiet interessati;

Meta jiġu organizzati seduti bejn parti interessata individwali jew grupp ta' partijiet interessati b'interessi simili u s-servizzi tal-Kummissjoni, l-uffiċjal tas-seduta għandu jipproduċi traskrizzjoni jew sommarju informattiv tas-seduta u jagħmilha għad-dispożizzjoni tal-parteċipanti kollha fis-seduta. Dawk il-parteċipanti jistgħu jippreżentaw talba motivata għall-kunfidenzjalità ta' ċertu tagħrif inkluż fit-traskrizzjoni jew fis-sommarju. L-uffiċjal tas-seduta għandu jiddeċiedi dwar it-talbiet wara li jikkonsulta mas-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni u fejn meħtieġ servizzi oħra. Il-verżjoni mhux kunfidenzjali tat-traskrizzjoni jew tas-sommarju tas-seduta għandha tiġi inkluża fil-fajl għall-konsultazzjoni mill-partijiet interessati.

2. L-uffiċjal tas-seduta jista' jipprovdi rakkomandazzjonijiet lis-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni skont l-Artikolu 4(5). Is-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni għandhom jgħarrfu lill-uffiċjal tas-seduta f'perjodu ta' żmien raġonevoli qabel l-adozzjoni tal-att legali finali, jekk ikunux qiesu dawk ir-rakkomandazzjonijiet u b'liema mod, u għandhom jipprovdu lill-uffiċjal tas-seduta b'kopja tal-abbozz tal-att legali.

3. L-uffiċjal tas-seduta għandu jinforma mingħajr dewmien lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika kummerċjali dwar is-seduti ma' partijiet individwali jew grupp ta' partijiet interessati b'interessi simili previsti fl-Artikolu 18. Jekk il-każ jitlob hekk, l-uffiċjal tas-seduta għandu jippreżenta rakkomandazzjoni immedjata lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika kummerċjali jew lid-Direttur Ġenerali.

4. Fil-prinċipju, kull rakkomandazzjoni li tingħata mill-uffiċjal tas-seduta lis-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni u r-rapporti u l-osservazzjonijiet lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika kummerċjali u lid-Direttur Ġenerali pprovduti mill-uffiċjal tas-seduta, għandhom jitqiesu bħala dokumenti interni kunfidenzjali.

Madankollu, fl-interess tat-trasparenza u l-amministrazzjoni tajba, l-uffiċjal tas-seduta għandu jiddeċiedi liema dokumenti, li joriġinaw mill-uffiċjal tas-seduta, iridu jiġu inklużi fil-fajl miftuħ għall-ispezzjoni mill-partijiet.

Artikolu 12

Aċċess għall-fajl

1. Parti interessata tista' titlob lill-uffiċjal tas-seduta biex jirrevedi kull rifjut mis-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni li jipprovdu fi żmien raġonevoli aċċess għall-fajl miftuħ għall-konsultazzjoni jew għal xi dokument partikolari fil-pussess tal-Kummissjoni. L-uffiċjal tas-seduta għandu jeżamina l-każ u għandu jieħu deċiżjoni dwar jekk jipprovdix aċċess parzjali jew sħiħ jew jirrifjutax l-aċċess għall-fajl jew għad-dokument mitlub.

2. L-uffiċjal tas-seduta għandu jistabbilixxi l-limiti ta' żmien li fihom għandu jiġi pprovdut l-aċċess mis-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni.

Artikolu 13

Kunfidenzjalità

1. L-uffiċjal tas-seduta għandu jkun marbut bir-regoli ġenerali dwar il-kunfidenzjalità tat-tagħrif imressaq mill-partijiet interessati fil-proċeduri amministrattivi quddiem il-Kummissjoni.

2. L-uffiċjal tas-seduta għandu jeżamina t-talbiet minn partijiet interessati jew mis-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni rigward in-natura kunfidenzjali ta' dokument fil-pussess tas-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni. L-uffiċjal tas-seduta għandu jiddeċiedi dwar dawn it-talbiet filwaqt li jżomm f'moħħu kemm id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati kif ukoll ir-regoli dwar il-kunfidenzjalità.

Artikolu 14

Sommarji mhux kunfidenzjali ta' tagħrif kunfidenzjali

1. Parti interessata tista' titlob lill-uffiċjal tas-seduta biex jagħmel rieżami tal-valutazzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni dwar jekk is-sommarju mhux kunfidenzjali ta' tagħrif kunfidenzjali ppreżentat matul investigazzjoni huwiex dettaljat biżżejjed biex jippermetti l-fehim raġonevoli tas-sustanza tat-tagħrif ippreżentat b'mod kunfidenzjali.

2. Jekk is-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni jkun beħsiebhom ma jqisux dokument jew tagħrif li għalih parti interessata tkun irrifjutat li tipprovdi sommarju informattiv mhux kunfidenzjali, din tal-aħħar tista' titlob lill-uffiċjal tas-seduta biex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni.

3. L-uffiċjal tas-seduta għandu jeżamina t-talbiet. Jekk is-sommarju mhux kunfidenzjali ma jkunx dettaljat biżżejjed, l-uffiċjal tas-seduta għandu jagħti lill-parti interessata li tkun pprovdiet is-sommarju, l-opportunità li tikkummenta u ttejjeb is-sommarju tagħha fi żmien raġonevoli.

4. Jekk il-parti interessata li ppreżentat it-tagħrif kunfidenzjali tipprovdi sommarju mhux adegwat, jew toffri ġustifikazzjonijiet li ma jistgħux jintlaqgħu, jew ma taġixxix, l-uffiċjal tas-seduta għandu jiddeċiedi jekk jinjorax jew le t-tagħrif kunfidenzjali li għalih ma jkun ġie pprovdut l-ebda sommarju informattiv mhux kunfidenzjali skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti bażiċi.

Artikolu 15

Aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali mhux suxxettibbli għas-sommarju

Fuq talba ta' parti interessata, l-uffiċjal tas-seduta jista' jeżamina t-tagħrif li huwa kunfidenzjali u mhux suxxettibbli għal sommarju, li għalih tkun intalbet kunfidenzjalità u li għalih dik il-parti ma jkollix aċċess, sabiex jivverifika kif dak it-tagħrif intuża mis-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni.

L-uffiċjal tas-seduta għandu jgħarraf lill-parti interessata li tkun ressqet it-talba jekk, jekk:

(a) it-tagħrif miżmum minn dik il-parti huwiex rilevanti għad-difiża ta' dik il-parti;

(b) fejn rilevanti, is-servizzi tal-investigazzjoni rriflettewx b'mod korrett it-tagħrif fil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom huma bbażaw il-konklużjonijiet tagħhom.

Artikolu 16

Estensjoni tal-iskadenzi

1. It-talba biex jiġu estiżi l-limiti ta' żmien jew posposti d-dati għat-tweġibiet tal-kwestjonarji, għall-preżentazzjoni ta' tagħrif addizzjonali, għaż-żjarat fuq il-post, jew għal kummenti dwar l-iżvelar, għandha l-ewwel tiġi indirizzat minn kwalunkwe parti interessata lis-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni. Talba bħal din għandha ssir fiż-żmien dovut qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien oriġinali.

Meta talba bħal din tiġi rifjutata jew fejn il-parti interessata tqis li l-estensjoni mogħtija hi qasira wisq, din tista' tippreżenta, qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien oriġinali, talba motivata lill-uffiċjal tas-seduta biex jirrevedi l-kwistjoni. It-talba għandha titressaq direttament lill-uffiċjal tas-seduta.

Wara li jikkonsulta mad-Direttur responsabbli jew mad-delegat tiegħu, l-uffiċjal tas-seduta jista' jestendi l-limiti ta' żmien jew jirrifjuta t-talba.

L-uffiċjal tas-seduta għandu jiddeċiedi billi jqis b'mod xieraq iċ-ċirkostanzi speċifiċi tat-talba kkonċernata u l-limiti ta' żmien tal-proċediment.

2. Is-servizzi tal-Kummissjoni ma għandhomx jaġixxu fil-kwistjoni msemmija lill-uffiċjal tas-seduta qabel ma jkun iddeċieda l-uffiċjal tas-seduta.

Artikolu 17

Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-kumitati

L-uffiċjal tas-seduta jista' jattendi l-laqgħat tal-kumitat. Fejn xieraq, l-uffiċjal tas-seduta jista' jwieġeb għall-mistoqsijiet mill-Istati Membri sakemm dawn il-mistoqsijiet jikkonċernaw in-natura tal-intervent tiegħu fil-proċedimenti.

Artikolu 18

Rapporti tal-uffiċjal tas-seduta

1. Fi tmiem kull sena, l-uffiċjal tas-seduta għandu jħejji rapport annwali. Ir-rapport annwali għandu jinkludi t-tagħrif dwar il-każijiet li fihom ikun intervjena l-uffiċjal tas-seduta, it-tip ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet magħmula minnu u kull rakkomandazzjoni għat-titjib tal-proċeduri kummerċjali. Ir-rapport għandu jkun indirizzat lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika kummerċjali. Id-Direttur Ġenerali u d-Diretturi konċernati għandhom jirċievu kopja tar-rapport.

2. Is-sommarji tar-rapport annwali għandhom jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri u ppubblikati fuq is-sit web tal-uffiċjal tas-seduta.

3. Minbarra r-rapport annwali previst fil-paragrafu 1 u fejn meħtieġ, l-uffiċjal tas-seduta għandu fuq bażi *ad hoc*, jipprovdi lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika kummerċjali b'sommarju tal-attivitajiet tal-uffiċjal tas-seduta u l-kwistjonijiet li qamu matul dawk l-attivitajiet. Dan it-tagħrif għandu jispjega l-kwistjonijiet politiċi ewlenin, id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-uffiċjal tas-seduta u kif dawk ir-rakkomandazzjonijiet tqiesu mis-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-investigazzjoni. Id-Direttur Ġenerali għandu jirċievi kopja ta' dan it-tagħrif.

4. L-uffiċjal tas-seduta għandu jirrapporta dwar kull seduta bejn il-partijiet interessati b'interessi differenti u jista' jippreżenta rapport lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika kummerċjali u lid-Direttur Ġenerali dwar kull kwistjoni oħra li tirriżulta mill-proċedura kummerċjali jew inkella li tkun rilevanti għall-applikazzjoni effettiva tal-prinċipji tal-liġi tal-Unjoni fil-proċedimenti kummerċjali.

5. Ir-rapport finali tal-uffiċjal tas-seduta fis-seduti bejn il-partijiet b'interessi differenti għandu jiġi ppreżentat lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika kummerċjali, lid-Direttur Ġenerali u lid-Direttur ikkonċernat. Dan għandu jiġi kkomunikat lir-rappreżentanti kompetenti tal-Istati Membri u lill-partijiet interessati.

Artikolu 19

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-proċedimenti li jinbdew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni u għall-proċedimenti li jkunu diġà nbdew qabel dik id-data.

Il-passi proċedurali meħuda qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni jibqgħu jkunu effettivi għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 20

Tħassir tad-Deċiżjoni 2012/199/UE

Id-Deċiżjoni 2012/199/UE hija mħassra.

Artikolu 21

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-21 ta' frar 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER